



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 13 ta' Diċembru 2011 (14.12)
(OR. en)**

18398/11

LIMITE

FISC 167

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali
lil:	Coreper/Kunsill
Suġġett:	Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) - Rapport tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta lill-Kunsill - Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Fil-laqgħa tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) tas-16 ta' Novembru 2011 id-delegazzjonijiet qablu dwar ir-rapport tal-Grupp lill-Kunsill kif jinsab fid-dok. 17081/1/11 REV 1 FISC 144 u l-Pakkett ta' Ħidma tal-2011 kif jinsab fil-Annes għar-rapport.
2. Sussegwentement il-President tal-Grupp ippreżenta l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill (dok. 17090/11 FISC 147), li ġew diskussi mill-Kumitat tar-Rappreżenanti Permanenti fit-23 ta' Novembru 2011.
3. Wara aktar konsultazzjonijiet, il-Presidenza ppreżenta l-abbozz rivedut ta' konklużjonijiet tal-Kunsill li ġej:

"Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

- jilqa' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi matul il-Presidenza Pollakka kif imniżżel fir-rapport tiegħu (dok. 17081/1/11 REV 1 FISC 144);
- jitlob lill-Grupp biex ikompli bil-monitoraġġ tal-istatus quo u l-implimentazzjoni tal-pass lura (rollback);
- japprova l-Pakkett ta' Ħidma tal-2011 tal-Grupp dwar il-Kodiċi kif imniżżel fl-Anness għad-dok. 17081/1/11 REV 1 FISC 144 u jitlob lill-Grupp biex jibda l-ħidma fuq dan il-Pakkett ta' Ħidma matul il-Presidenza Daniża;
- jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli bid-diskussjonijiet mal-pajjiżi terzi bil-għan li tapplika l-prinċipji u l-kriterji kollha tal-Kodiċi kif imniżżel fir-Rapport tal-Grupp u biex iżżomm lill-Grupp regolarment informat dwar il-progress;
- jistieden lill-Grupp biex sa tmiem il-Presidenza Daniża jipprovdi lill-Kunsill rapport dwar il-ħidma tiegħu."

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jibgħat lill-Kunsill ir-rapport (dok. 17081/1/11 REV 1 FISC 144) u l-Pakkett ta' Ħidma 2011 (Anness għar-rapport) flimkien mal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmijin hawn fuq u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dan l-abbozz ta' konklużjonijiet bħala punt "A" fl-aġenda tiegħu;
